**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Dicembru 2023**

**Rikors guramentat ; 31 /2023 AGV**

**LP**

**Vs**

**Dr. Joe Brincat u PL Gerald Bonello**

**Bhala Kuraturi jirrapprezentaw lillIntimat WE**

**Assenti minn Malta**

**B'digriet tal-31 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors ta' LP fejn ippremettiet is-segwenti:-**

1.Illi l-partijiet izzewgu civilment fl-4 ta' Awwissu tas-sena 2002, hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat **Dok LP 1**.

2. Illi sfortunatament dan iz-zwieg kien vizzjat bil-kunsens kien zwieg biss ghall-flus minhabba problema serja ta' droga li kellha r-rikorrenti dak iz-zmien.

3. Illi llum ir-rikorrenti rkuprat u tixtieq tirregola hajjitha inkluz din il-kwistjoni.

4.Illi l-partijiet qatt ma ghexu flimkien u r-rikorrenti ilha ma tara l-intimat ghal aktar minn hmistax- il sena.

5.Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet ma kellhomx tfal u m'ghandhomx relazzjoni.

6.Illi jezistu ragunijiet validi u gravi sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet jigi ddikjarat null a bazi tal-artikolu 19 (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

7.Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti l-esponent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara li z-zwieg taghha ma' WE celebrat fl-14 ta' Lulju tas-sena 2002 huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dana a bazi tal-Artikolu 19 (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta u taghti dawk il-provvedimenti l-ohra li tqis opportuni skont il-kaz.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li huwa issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta ta' Dr . Joseph Brincat u PL Gerald Bonello**, datata 21 ta' Gunju 2023, fejn eccepew is-segwenti:-

1. Illi mhux edotti mill-fatti.
2. Li kieku kienet talba ghal divorzju, mal-ewwel kienu jaderixxu mat-talba, kif inhi t-talba ghall-annullament, l-attrici trid tipprova.
3. Illi f' kaz li tintalab dwar dan iz-zwieg li talba tigi konvertita f' divorzju, ma jopponux.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**<u>Fatti</u>**

L-attrici tispjega li kienet damet dsatax-il sena fil-vizzju tad-droga u meta kellha sittax-il sena kien meta ltaqghet mal-konvenut. Tghid li kienet tkun hdejn bieb il-Belt u kien ikun hemm hafna Gharab. Minhabba l-vizzju tad-droga dejjem kienet tara kif ser igib il-flus u kien ghalhekk li wiehed minn shabha kien qallha biex tizzewweg lill-konvenut u kien ighaddilha l-flus ghad-droga u dan kien ahjar milli tisraq u tispicca l-habs.

Hekk ghamlet, ftehmu biex jiltaqghu u jizzewwgu. Tikkonferma li kienet iltaqghet mieghu tlett darbiet biss u darba minnhom kien biss sabiex ighaddilha l-flus. Nel frattemp kienu zzewwgu fl-14 ta' Awissu, 2002 u kienu jikkomunikaw xi kultant minhabba xi ittri biss. Mis-sena 2005'l hemm qatt ma ratu izjed.

Tghid li ma kellhomx tfal u lanqas setghu ghaliex qatt ma raqdu flimkien.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Nullita taht l-Artikolu 19(1)(f):**

> **"...**
>
> ***f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."***

Huwa relevanti fil-konsiderazzjoni dwar in-nullita` o meno taz-zwieg bejn il-partijiet taht il-kappa tal-Artikolu 19(1)(f), il-fatt illi kif stabbilit, il-partijiet ma kienux neqsin mid-discretio judicii sabiex jidhlu ghal rabta matrimonjali validu u pjuttost kellhom il-konoxxenza mehtiega tal-obbligi u drittijiet konjugali li kienu dehlin ghalihom. Sabiex wiehed jeskludi z-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, irid ikun evalwa u fehem proprju x'inhuma dawn l-elementi.

Kif ritenut fis-sentenza **Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine**[1]:-

> ***"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg......hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."*** [sottolinejar ta' din il-Qorti]

[1] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 28 ta' April, 2002

Gie ulterjorment ritenut fis-sentenza **Al Chahid vs Mary Spiteri**[2] illi:-

> ***"… wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma' ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".***

Illi l-gurisprudenza in materja hija konkordanti illi sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg taht l-Artikolu 19(1)(f), irid jigi necessarjament ippruvat ukoll li xi wiehed mill-partijiet eskluda z-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi necessarji taz-zwieg, kif ukoll li xi wiehed mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni tal-kunsens tieghu jew taghha.

Skond kif ritenut fis-sentenza recenti **Simon Cusens vs. Romina Cusens**[3], sabiex zwieg jigi kkunsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz, irid jirrizulta ppruvat li entrambi l-partijiet jew xi hadd mill-partijiet tkun hadet decizjoni li ghalkemm ser tippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg. Fi kliem iehor, filwaqt li esternament tidher li qed taghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali, dik il-parti tkun fl-istess hin u minn qabel ma tat il-kunsens taghha, diga` mentalment eskludiet a priori d-dispozizzjoni taghha li tottempera ruhha ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali.

---

[2] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju, 2002

[3] 104/2010, deciza minn dina l-Qorti kif presduta fl-10 ta' Dicembru, 2014 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar, 2016.

Illi kif gie spjegat minn dina l-Qorti fil-kaz **Alfred Tonna vs Maria Tonna;**[4]

> **"ikun hemm simulazzjoni meta fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda internament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali jew dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali)."**

Fl-istess vena, gie ritenut hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins**[5]:-

> "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Terga' ssir referenza f'dan l-istadju ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** fejn gie ritenut li:-

> ***"… rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied."***

---

[4] Prim'Awla tal-Qorti Civili(VDG) 31 ta' Jannar, 1996

[5] Deciza 2 ta' Ottubru, 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et noe**.[6], elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-"***komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied***"[7] L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **Aquilina vs. Aquilina**[8] u fis-sentenza **Grech vs. Grech**.

It-talba ghall-annullament taht l-Artikolu 19 (1f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta tirreferi ghall-simulazzjoni parzjali u cioe' parti, fil-mument li suppost qed taghti l-kunsens taghha, il-parti tkun eskludiet iz-zwieg, kif ukoll wiehed jew aktar obbligi essenzjali taz-zwieg, u cioe' unjoni permanenti, eskluzziva u irrevokabbli, diretta lejn il-gid komuni, bl-iskop li jkun hemm prokreazzjoni.
Meta l-attrici kienet iltaqghet mal-konvenut kellha l-vizzju tad-droga. L-uniku skop wara z-zwieg kien sabiex ikollha l-flus biex tixtri d-droga. Lill-konvenut kienet iltaqghet mieghu biss tlett darbiet,  qatt ma ghexu flimkien u lanqas qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi.

Malli l-attrici rceviet il-flus, it-tnejn li huma telqu jkomplu jghixu hajjithom totalment indipendenti ma' xulxin.

L-attrici zgur ma kellhiex l-intenzjoni li tidhol ghall-hajja mizzewwga u ghamlet ta' bir-ruhha li riedet tizzewweg konsapevoli li qatt ma xtaqet tizzewweg jew li tibni familja. B'hekk mhux biss hemm nieqsa l-kunsens ghaz-zwieg, izda kienet eskludiet ukoll l-elementi essenzjali taz-zwieg, minhabba l-influenza tad-droga. Meta tat il-kunsens taghha, kienet taf li kien biss ghall-flus u qatt ma riedet il-

[6] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Lulju, 1994
[7] Citata mill-Qorti tal-Appell fil-kawza 237/14
[8] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 30 ta' Jannar, 1991

permanenza taz-zwieg, fil-fatt kienet iltaqghet mal-konvenut xi tlett darbiet biss u lanqas ma kienu jghixu flimkien. Qatt ma riedet tfal u ghalhekk eskludiet il-prokreazzjoni, kif ukoll eskludiet il-fedelta' lejn xulxin.

Huwa ghalhekk evidenti ghall-Qorti illi dan kien semplicement zwieg ta' konvenjenza, fejn il-partijiet ma kellhom ebda intenzjoni genwina li jghixu hajja mizzewga flimkien, izda biss riedu japprofittaw ruhhom mill-vantagg li jkunu mizzewgin f'ghajnejn il-ligi. Ghaldaqstant il-Qorti ser tilqa' t-talbiet, a spejjez tal-istess attrici.

**DECIDE:**

Fic-cirkostanzi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici.

Tiddikjara li z-zwieg taghha ma' WE celebrat fl-14 ta' Lulju tas-sena 2002 huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dana a bazi tal-Artikolu 19 (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati temporanjament mill-attrici, u jsiru rekuperabbli interament mill-konvenut, jekk jinstab.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**